**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 28 ta' Jannar, 2019**

**Rikors Guramentat Nru: 1501/2000/1 AF**

**Emanuela Gauci u b'digriet tal-Qorti tas-6 ta' Novembru 2003 assumew l-atti Maria Dolores Abela u Thomas Abela minflok l-attrici Emanuela Gauci li mietet fil-mori tal-kawza u b'digriet tal-Qorti tas-7 ta' Frar 2012 il-Qorti laqghet it-talba biex Dolores sive Doris Baldacchino tintervjeni fil-kawza**

**vs**

**Lawrence Mifsud u Mary Mifsud**

**Charles Cassar, Francesco Cassar u Peter Cassar**

**Victor Sacco u Mary Anne Sacco**

**Evelina Cassar u fil-verbal tas-seduta tal-21 ta' Jannar 2015, il-Qorti laqghet it-talba u ordnat illi l-gudizzju jigi trasfuz f'isem Vincent Cassar, f'ismu proprju u bhala mandatarju generali ta' Mayanne Vassallo, Frances Cassar, Anthony Cassar u Carmen Debono wara l-mewt ta' Evelina Cassar**

**Frank Camilleri u b'digriet tat-12 ta' Awwissu 2015, il-Qorti laqghet it-talba biex l-atti tal-kawza jigu trasfuzi f'isem Rita Camilleri, Sandro Camilleri u Natasha Galea u dan stante l-mewt ta' Francis Camilleri**

**Joseph Camilleri**

**u**

**Joseph Cassar**

Il-Qorti:

Rat iċ-ċitazzjoni tal-attriċi li permezz tagħha wara li ġie premess illi:

Il-mizzewgin Joseph Coppola u Maria Coppola fi xbubitha Cassar mietu rispettivament fis-27 ta' Frar 1979 u 11 ta' Ottubru 1983.

Mir-ricerki testamentarji maghmula fir-Registru Pubbliku u fis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili rrizulta li l-konjugi kienu ghamlu testment pubbliku unika charta fl-1 ta' Frar 1977 fl-atti tan-Nutar Joseph Cachia kif ukoll li sussegwentement ghall-mewt ta' zewgha Mary Coppola ghamlet zewg testmenti pubblici wiehed datat 30 ta' Awwissu 1979 atti Nutar Joseph Cachia u iehor fil-5 ta' April 1983 atti Nutar John Gambin kif ukoll testmenti sigrieti datati 1 ta' Settembru 1981 u iehor 14 ta' Jannar 1982.

Fl-artikolu 3 tat-testment unica charta l-imsemmija konjugi istitwew lil xulxin werrieta u ghalhekk mal-mewt ta' zewgha l-imsemmija Mary Coppola saret il-werrieta unika tieghu.

Ghalhekk l-ahhar testment li jirregola l-wirt taghha kien dak tal-5 ta' April 1983 atti Nutar John Gambin.

Ai termini tal-imsemmi l-konvenuta Mary Mifsud fl-artikolu 3 giet istitwita legatarja in piena u assoluta proprjetà ta' dak kollu li kien jinsab fid-dar tad-decujus inkluzi oggetti tad-deheb, hagar u metalli prezzjuzi però mhux inkluz kontanti.

Fir-raba artikolu tal-imsemmi thallew bhala eredi f'parti wahda minn disa' s-segwenti 1. Lawrence Mifsud bin Louis; 2. Mary Mifsud bint Louis; 3. Joseph bin Emanuel; 4. Frank Camilleri bin Emanuel; 5. Victor u Mary Sacco; 6. Emanuela Gauci armla ta' Oscar; 7. Joseph Cassar; 8. Evelina Cassar armla ta' Peter; 9. u kwota wahda flimkien Charles, Francesco u Peter ahwa Cassar ulied Lino u Grace Cassar.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddeciedi u tiddikjara li d-decujus Mary Coppola wirtet lil Joseph Coppola meta dan miet qabilha ai termini tat-testment unika charta tal-1 ta' Frar 1977 fl-atti tan-Nutar Joseph Cachia.

2. Tiddikjara u tiddeciedi li l-ahhar testment li jirregola l-wirt gjacenti tad-decujus Mary Coppola huwa dak tal-5 ta' April 1983 fl-atti tan-Nutar John Gambin.

3. Tillikwida l-assi taz-zewg konjugi Mary u Joseph Coppola okkorendo bin-nomina ta' periti teknici.

4. Tassenja minn dawn l-assi l-ewwel l-legat lill-konvenuta Mary Mifsud kif kontenut fl-artikolu 3 tal-imsemmi testment tal-5 ta' April 1983 fl-atti tan-Nutar John Gambin u cioè il-piena u assoluta proprjetà ta' dak kollu li kien jinsab fid-dar tad-decujus inkluzi oggetti tad-deheb, hagar u metalli prezzjuzi però mhux inkluz kontanti.

5. Tiddividi u taqsam l-assi rimanenti tal-imsemmija f'disa' (9) porzjonijiet ugwali.

6. Tassenja lill-werrieta u cioè lis-segwenti 1. Lawrence Misud bin Louis; 2. Mary Mifsud bint Louis; 3. Joseph bin Emanuel; 4. Frank Camilleri bin Emanuel; 5. Victor u Mary Sacco; 6. Emanuela Gauci armla ta' Oscar; 7. Joseph

Cassar; 8. Evelina Cassar armla ta' Peter; 9. u kwota wahda flimkien Charles, Francesco u Peter ahwa Cassar ulied Lino u Grace Cassar parti minn disa' kull wiehed.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri ufficjali l-konvenuti mharka ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata tal-attriċi.

Rat illi fl-udjenza tat-8 ta' Novembru 2001 il-konvenuti kollha minbarra Lawrence u Mary aħwa Mifsud u Joseph Cassar iddikjaraw li huma jaqblu mat-talbiet tal-attriċi.

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenuti Lawrence u Mary aħwa Mifsud u ta' Joseph Cassar li permezz tagħha eċċepew illi:

In forza tad-disa' artikolu tat-testment 'unica charta' in atti tan-Nutar Dottor Joseph Cachia tal-1 ta' Frar 1997 hawn anness bhala dokument A, it-testatur Joseph Coppola mat-testatrici martu Mary Coppola akkordaw "lis-superstiti l-fakoltà li jkun jista' jiddisponi diversament minn dan it-testment minghajr ma jinkorri fil-penalitajiet kontemplati fil-ligi ***accettwati però l-imsemmija legati li ghandhom jibqghu fermi u shah u ghalhekk ma humiex inkluzi f'dan id-dritt li jigi varjat t-testment prezenti mis-superstiti***".

Konsegwentement kwalunkwe testmenti ohra li saru mit-testatrici Mary Coppola wara t-testment hawn fuq citat u dana fejn jirrigwarda l-varjazzjoni tal-legati mhollija u limitatament fuq dik il-porzjoni emergenti minn sehem it-testatur Joseph Coppola huma nulli u bla effett, u ghalhekk ghall-fini tal-hlas tal-legati t-testment 'unica charta' tal-1 ta' Frar 1977 in atti tan-Nutar Dottor Joseph Cachia ghandu wkoll japplika u jittiehed in konsiderazzjoni.

Bla pregudizzju ghas-suespost l-eccipjenti qatt ma opponew ghall-likwidazzjoni u d-divizjoni tal-assi ereditarji mertu ta' dina l-kawza purché li dina ssir skond ir-rieda tat-testaturi, u ghalhekk, kwalunkwe tentattiv ghall-likwidazzjoni u divizjoni bonarja fallew tort tal-attrici u dana kif ser jigi pruvat ahjar fit-

trattazzjoni tal-kawza, b'hekk l-eccipjenti ma ghandhomx jigu kkundannati jhallsu kap tal-ispejjez.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attrici.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuti Lawrence u Mary aħwa Mifsud u ta' Joseph Cassar maħlufa minn Mary Mifsud fejn esponew illi:

In forza tad-disa' artikolu tat-testment 'unica charta' in atti tan-Nutar Dottor Joseph Cachia tal-1 ta' Frar 1997 hawn anness bhala dokument A, it-testatur Joseph Coppola mat-testatrici martu Mary Coppola akkordaw "lis-superstiti l-fakoltà li jkun jista' jiddisponi diversament minn dan it-testment minghajr ma jinkorri fil-penalitajiet kontemplati fil-ligi ***accettwati però l-imsemmija legati li ghandhom jibqghu fermi u shah u ghalhekk ma humiex inkluzi f'dan id-dritt li jigi varjat t-testment prezenti mis-superstiti***".

Konsegwentement kwalunkwe testmenti ohra li saru mit-testatrici Mary Coppola wara t-testment hawn fuq citat u dana fejn jirrigwarda l-varjazzjoni tal-legati mhollija u limitatament fuq dik il-porzjoni emergenti minn sehem it-testatur Joseph Coppola huma nulli u bla effett, u ghalhekk ghall-fini tal-hlas tal-legati t-testment 'unica charta' tal-1 ta' Frar 1977 in atti tan-Nutar Dottor Joseph Cachia ghandu wkoll japplika u jittiehed in konsiderazzjoni.

Bla pregudizzju ghas-suespost l-eccipjenti qatt ma opponew ghall-likwidazzjoni u d-divizjoni tal-assi ereditarji mertu ta' dina l-kawza purché li dina ssir skond ir-rieda tat-testaturi, u ghalhekk, kwalunkwe tentattiv ghall-likwidazzjoni u divizjoni bonarja fallew tort tal-attrici u dana kif ser jigi pruvat ahjar fit-trattazzjoni tal-kawza, b'hekk l-eccipjenti ma ghandhomx jigu kkundannati jhallsu kap tal-ispejjez.

Rat illi fl-udjenza tas-7 ta' Mejju 2002, il-konvenut Joseph Cassar iddissasoċja ruħu min-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenuti Lawrence u Mary aħwa Mifsud.

Rat illi fl-udjenza tal-21 ta' Ġunju 2002, din il-Qorti diversament presjeduta ħatret lill-Avukat, illum Imħallef, Joseph Azzopardi bħala perit legali, u fl-udjenza tat-12 ta' Ġunju 2003 din il-Qorti diversament presjeduta ħatret lill-Avukat, illum Imħallef, Dottor Mark Chetcuti sabiex jissostitwixxi lill-perit legali li ġie elevat għall-ġudikatura u fl-udjenza tas-7 t'Ottubru 2010 din il-Qorti ħatret lil Dr Vincent Galea sabiex jissostitwixxi lill-perit legali li ġie elevat għall-ġudikatura.

Rat illi fl-udjenza tal-4 ta' April 2006 din il-Qorti diversament presjeduta ħatret lill-Perit Joseph Ellul Vincenti bħala perit tekniku.

Rat is-sentenza parzjali ta' din il-Qorti diversament presjeduta tal-4 ta' April 2006 li permezz tagħha filwaqt illi ċaħdet l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenuti, laqgħet in parte l-ewwel talba attriċi u ddikjarat li Mary Coppola hi l-eredi f'sehem ta' nofs tal-assi ta' żewġha Joseph Coppola, u dan *ab intestato*, u laqgħet it-tieni talba kif dedotta. Il-Qorti imbaghad hallset il-kawża għall-kontinwazzjoni tat-trattazzjoni tagħha fuq it-talbiet tal-atturi, fid-dawl tal-aħħar eċċezzjoni tal-konvenuti.

Rat li l-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta sabiex tkompli tinstema' u tinqata'.

Rat illi fl-udjenza tal-1 ta' Frar 2017 din il-Qorti laqgħet it-talba tal-atturi sabiex jiżdiedu s-segwenti talbiet ma dawk elenkati fiċ-ċitazzjoni:

> "*7. F'każ li jekk jiġi determinat li l-assi ma humiex komodament diviżibbli bejn il-partijiet fil-kwoti rispettivi tagħhom u dan okkorendo bin-nomina ta' periti nominandi.*
>
> *8. Tordna konsegwentement li l-istess assi jinbiegħu b'liċitazzjoni bil-parteċipazzjoni ukoll ta' oblaturi estraneji.*
>
> *9. Tordna li r-rikavat mill-bejgħ tal-istess proprjeta dedott l-ispejjeż jiġi diviż bejn il-kontendenti skont il-kwoti rispetti tagħhom kif hawn debitament indikat.*"

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-perit legali.

Rat ir-relazzjonijiet tal-perit legali u tal-perit tekniku.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din tal-lum hija kawża dwar qsim ta' wirt. Sorvolati l-ewwel żewġ talbiet u l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet, jibqa' li jinqasam il-wirt ta' Joseph u Mary konjuġi Coppola fid-dawl ta' dak deċiż minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tal-4 ta' April 2006 u ċioè:

> *"Kwindi l-proprjetà li kellhom il-konjugi Coppola, u li kienet tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom, ghandha tinqassam hekk: sehem ta' nofs jigi assenjat lill-wirt ta' Joseph Coppola, liema sehem intiret nofs (jigifieri l-kwart tal-proprjetà) minn martu Mary Coppola, u n-nofs l-iehor minn hutu jew id-dixxendenti taghhom; Mary Coppola, min-naha l-ohra, ghandha tlett kwarti tal-proprjetà (nofs bhala sehma tal-komunjoni tal-akkwisti u l-kwart li wirtet minghand zewgha), u dan il-wirt taghha hu regolat skond l-ahhar testament taghha, dak ippubblikat minn Nutar Dottor John Gambin fil-5 ta' April, 1983.*
>
> *Fi ftit kliem, tlett kwarti mill-assi tal-konjugi Coppola (li kienu jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom) jinqassmu skond it-testment ta' Mary Coppola tal-5 ta' April, 1983, u r-rimanenti kwart, huwa ta' hut, jew id-dixxendenti taghhom, ta' Joseph Coppola. La darba Mary Coppola, fl-ghotja ta' legati, ma qaletx li taf li l-oggetti tal-legati ma kienux kollha taghha, il-legati fit-testment taghha ghandhom ikunu limitati u jkollhom effett biss fuq sehem it-testatrici tal-oggetti indikati (artikolu 698 tal-Kodici Civili u "Zammit vs Zammit", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-28 ta' Gunju, 1957)."*

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-assi tad-defunti konjuġi Coppola jikkonsistu fis-segwenti:

i. Il-fond bin-numru 27, Mary House, Triq il-Bandli, Birżebbuġia. Il-mobbli li kienu jinsabu ġewwa din il-proprjetà diġa ttieħdu, fil-maġġor parti, mill-konvenuta Mary Mifsud. Skont l-istess Mary Mifsud, flus ma kienx hemm;

ii. Id-deheb li skont ma xehdet quddiem il-perit legali Mary Mifsud jinsab f'*safe deposit box* miżmum mal-Lombard Bank Malta p.l.c.;

iii. It-terran bin-numru 63, Triq San Mikiel, Birżebbuġia. Dan il-fond huwa mikri bil-kera ta' €185 fis-sena. Il-konvenuta Mary Mifsud iddikjarat illi hija tirċievi l-kera li qegħda tfaddalha b'dan illi mill-kera tħallas iċ-ċens ta' €18.64 tal-proprjeta msemmija f'paragrafu (i). Il-mobbli ta' dan il-fond għadhom jinsabu fih;

iv. Kont bankarju ma' Lombard North Central Limited ta' 17, Bruton Street, Londra, W1A 3DH, l-Ingilterra u skont ma xehdet rappreżentanta ta' Lombard Bank Malta p.l.c. fil-21 ta' Novembru, 2011, kien hemm £856.06 depożitati fih. Skont id-denunzja ta' Mary Coppola, dan il-kont għandu n-numru 248470F;

v. L-imsemmija *safe deposit box* miżmuma mal-Lombard Bank Malta p.l.c. intestata fuq isem Mary Coppola. L-ispejjeż għaż-żamma ta' din il-kaxxa qiegħda tħallashom il-konvenuta Mary Mifsud. Skont l-istess konvenuta, sa fejn taf hi, din il-kaxxa fiha d-deheb imsemmi diġà. Madanakollu, żiedet tgħid illi din il-kaxxa qatt ma nfetħet.

Imbaghad, Mary Coppola kellha s-segwenti proprjetà parafernali:

Parti minn sitta (1/6) tal-fond bin-numru 67, ġja 52, Barth Street, Ħamrun. Bejn it-28 ta' Novembru 1993 u s-27 ta' Novembru 2014 tħallset is-somma komplessiva ta' €6.30 dovuta bħala ċens lid-Dipartiment Proprjetà tal-Gvern.

Skont it-testment datat 5 ta' April 1983 fl-atti tan-Nutar John Gambin, Mary Coppola ħalliet hekk:

a) B'titolu ta' legat in piena u assoluta proprjetà is-somma ta' Lm100, illum €232.94, *'lid-dar tal-Inkapaċitati Villa Monsignor Gonzi Home tas-Siggiewi għall-bżonnijiet tal-istess dar'*;

b) B'titolu ta' prelegat in piena u assoluta proprjetà is-somma ta' Lm500, illum €1164.69, lil Victor Sacco li jiġi r-raġel ta' MaryAnne, in-neputija tat-testatriċi, li hija t-tifla ta' Edwige mart Emmanuel Camilleri, oħt it-testatriċi;

c) B'titolu ta' prelegat in piena u assoluta proprjetà dak kollu li fil-ġurnata ta' mewtha jkun jinstab fid-dar tal-abitazzjoni tagħha mill-għatba 'l ġewwa (a limine intus) inklużi oġġetti ta' deheb, ħaġar u metalli prezzjużi però mhux inklużi flus kontanti, lil Mary Mifsud, bint Louis u Caroline nee' Cassar. Il-legatarja hija n-neputija tat-testatriċi peress illi ommha Caroline hija oħt it-testatriċi.

Mix-xhieda tal-konvenuta Mary Mifsud jirriżulta li Mary Coppola kienet tgħix fil-fond 27, Mary House, Triq il-Bandli, Birżebbuġia. Kif diġà ntqal, il-konvenuta xehdet li ħadet il-maġġor parti tal-mobbli li kien hemm f'din il-proprjetà. Mistoqsija jekk kienx hemm flus kontati f'din il-proprjetà, il-konvenuta wieġbet fin-negattiv.

Salv il-preċedenti disposizzjonijiet, Mary Coppola istitwiet b'uniċi eredi universali u proprjetarji assoluti ta' dak kollu li hija tkun tipposjedi fil-ġurnata tal-mewt tagħha:

a) F'nona parti (1/9) indiviża kull wieħed tal-assi tagħha lil Lawrence Mifsud u Mary Mifsud, xebba, ulied Louis u oħt it-testatriċi Carolina nee' Cassar;

b) F'nona parti (1/9) indiviża kull wieħed tal-assi tagħha lil Joseph Camilleri u lil Frank Camilleri, aħwa, ulied Emmanuel Camilleri u oħt it-testatriċi Edwige nee' Cassar;

c) F’nona parti (1/9) indiviża tal-assi tagħha u bejniethom lil MaryAnne mart Victor Sacco, bint Emmanuel Camilleri u oħt it-testatriċi Edwige neé Cassar u r-raġel tagħha Victor Sacco;

d) F’nona parti (1/9) indiviża tal-assi tagħha lill-oħt ir-raġel tal-istess testatriċi Emmanuela armla ta’ Oscar Gauci, bint il-mejjet Carmelo Coppola;

e) F’nona parti (1/9) indiviża tal-assi tagħha lil ħuha Joseph Cassar bin l-istess ġenituri;

f) F’nona parti (1/9) indiviża tal-assi tagħha lil Evelina armla ta’ ħu t-testatriċi Peter Cassar;

g) F’nona parti (1/9) indiviża tal-assi tagħha u bejniethom lil Charles Cassar, Francesco Cassar u Peter Cassar, aħwa, ulied ħu t-testatriċi Lino u martu Grace.

It-testatriċi innominat lill-imsemmi Victor Sacco bħala eżekutur testamentarju bil-fakoltajiet kollha soliti konċessi lil simili eżekuturi testamentarji, f’liema kariga għandu jibqa’ sal-finali diviżjoni u likwidazzjoni tal-assi tagħha. Mill-atti tal-kawża ma jirriżultax jekk il-konvenut Victor Sacco kienx aċċetta l-eżekuterija u jekk kienx għamel il-proċeduri ġudizzjarji meħtieġa quddiem il-Qorti kompetenti.

Skont ma ġie deċiż fis-sentenza parzjali ta’ din il-Qorti diversament presjeduta tal-4 ta’ April 2006, Mary Coppola kellha dritt għal tlett kwarti mill-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejna u bejn żewġha Joseph Coppola u dan għandu jinqasam skont l-aħħar testment tagħha tal-5 ta’ April 1983. Bejn l-eredi ta’ Mary Coppola għandha tinqasam ukoll il-proprjetà parafernali tagħha. Skont ma ġie deċiż fl-istess sentenza parzjali, ir-rimanenti kwart tal-komunjoni tal-akkwisti għandhom dritt għalih l-aħwa ta’ Joseph Coppola jew id-dixxendenti tagħhom.

L-attriċi Maria Dolores Abela ħassitha aggravata bil-konklużjoni tal-perit legali fis-sens illi tlett kwarti tal-oġġetti li jinsabu fis-*safe deposit box* miżmuma ma Lombard Bank Malta p.l.c.

jappartjenu lil Mary Mifsud, skont ma kienet ix-xewqa tad-defunta Mary Coppola. Dan għaliex dawn ma kienux jinsabu fiżikament ġewwa d-dar ta' abitazzjoni tal-istess Mary Coppola fid-data tal-mewt tagħha.

Din il-Qorti tikkondividi l-konkluzjoni tal-Perit Legali. Skont l-aħħar testment ta' Mary Coppola, il-konvenuta Mary Mifsud għandha tirċievi dak kollu li kien jinsab fid-dar ta' abitazzjoni tad-defunta Mary Coppola fid-data tal-mewt tagħha, *'inklużi oġġetti ta' deheb, ħaġar u metalli prezzjużi pero mhux inklużi flus kontanti.'* Mill-provi prodotti ma jirriżultax illi fid-dar ta' Mary Coppola nstabu xi oġġetti ta' deheb, ħaġar u metalli prezzjużi, x'aktarx għaliex skont ma tgħid il-konvenuta, dawn qegħdin kollha fis-*safe deposit box* in kwistjoni. Ladarba Mary Coppola xtaqet illi dawn l-oġġetti jmorru għand il-konvenuta, f'każ li dawn l-oġġetti jinsabu fis-*safe deposit box*, ix-xewqat tad-defunta għandhom jiġu rispettati. Minkejja li teknikament dawn l-oġġetti ma kinux jinsabu mill-għatba 'l ġewwa tad-dar ta' Mary Coppola, dan x'aktarx għal raġunijiet ta' sigurtà u xejn aktar. Fuq kollox, kif diġà ntqal, fid-dar tad-defunta ma kien hemm l-ebda oġġett prezzjuż ieħor u allura d-deheb, ħaġar jew metalli prezzjużi li kienet qegħda tirreferi għalihom id-defunta bilfors huma dawk li x'aktarx jinsabu fis-*safe deposit box*.

Il-Qorti sejra għalhekk tordna li jinħatar espert sabiex jiftaħ l-imsemmija *safe deposit box* u jirrelata dwar il-kontenut tagħha. Tlett kwarti tad-deheb, ħaġar u metalli prezzjużi oħra jappartjenu lill-konvenuta Mary Mifsud filwaqt illi tlett kwarti ta' kwalunkwe oġġett ieħor li jista' jkun jinsab f'din is-*safe deposit box*, inkluż flus kontanti, għandu jinqasam bejn l-eredi ta' Mary Coppola.

Skont ma ġie stipulat ukoll fit-testment ta' Mary Coppola, id-Dar tal-Provvidenza għandha tirċievi s-somma ta' €232.94 b'titolu ta' legat in piena u assoluta proprjetà u l-konvenut Victor Sacco għandu jirċievi s-somma ta' €1164.69 b'titolu ta' prelegat in piena u assoluta proprjetà.

Fil-mori tal-kawża din il-Qorti laqgħet it-talba tal-attriċi sabiex jiżdiedu t-talbiet fis-sens li l-Qorti għandha tordna li l-assi ereditarji jinbiegħu bil-liċitazzjoni f'każ li jirriżulta li dawn

mhumiex komodament diviżibbli u sabiex ir-rikavat mill-bejgħ jinqasam bejn il-kontendenti skont il-kwoti rispettivi tagħhom. Il-Qorti taqbel mal-perit legali li jirriżulta biċ-ċar in vista tan-numru ta' werrieta li l-proprjetajiet in kwistjoni mhumiex komodament diviżibbli u allura s-seba', tmien u disa' talba attriċi ser jintlaqgħu wkoll.

Għar-raġunijiet premessi, l-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt illi tiċħad it-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti,

**Tilqa' t-tielet talba** u konsegwentment tillikwida l-assi tad-defunti Mary u Joseph konjuġi Coppola okkorendo billi tiddikjara li dawn jikkonsistu f'dan li ġej:

Il-komunjoni tal-akkwisti tikkonsisti kif gej:

i. Il-fond bin-numru 27, Triq il-Bandli, Birżebbuġia;

ii. It-terran bin-numru 64, Triq San Mikiel, Birżebbuġia;

iii. Id-deheb li kien hemm skont il-konvenuta Mary Mifsud u li jinsab fis-*safe deposit box* miżmuma mal-Lombard Bank Malta p.l.c.;

iv. Kont bankarju mal-Lombard North Central Limited ta' 17, Bruton Street, Londra W1A 3DH l-Ingilterra;

v. Il-kontenut tal-imsemmija *safe deposit box* miżmuma mal-Lombard Bank Malta p.l.c.

Tlett kwarti (3/4) mill-imsemmija proprjeta tappartjeni lill-eredi ta' Mary Coppola skont l-aħħar testment tagħha tal-5 ta' April 1983 filwaqt li r-rimanenti kwart (1/4) tappartjeni lill-aħwa ta' Joseph Coppola jew id-dixxendenti tagħhom *ab intestato* skont ma ġie deċiż minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza parzjali tagħha tal-4 ta' April 2006.

L-Assi parafernali ta' Mary Coppola jikkonsisti kif gej:

Parti minn sitta (1/6) tal-fond bin-numru 67, Barth Street, Ħamrun.

Dan is-sehem indiviż jappartjeni lill-eredi ta' Mary Coppola.

**Tilqa' r-raba' talba** in parte u konsegwentement tassenja in piena u assoluta proprjetà lill-konvenuta Mary Mifsud tlett kwarti tal-oġġetti kollha li kienu jinsabu fid-dar fejn kienet tgħix id-defunta Mary Coppola, u ċioè il-fond 27, Mary House, Triq il-Bandli, Birżebbuġia, fid-data tal-mewt tagħha. Peress li l-konvenuta Mary Mifsud xehdet li hija diġà ħadet ħafna mill-għamara li kienet tinsab f'din il-proprjetà, il-Qorti qegħda tordna li Mary Mifsud m'għandhiex tieħu aktar għamara minn din il-proprjetà biex b'hekk, ir-rimanenti mobbli jappartjenu lill-werrieta ta' Joseph Coppola.

Il-konvenuta Mary Mifsud għandha tieħu wkoll tlett kwarti tal-oġġetti tad-deheb, ħaġar u metalli prezjużi li jinsabu fis-*safe deposit box* li hemm miżmuma mal-Lombard Bank Malta p.l.c. Din il-Qorti qiegħda għalhekk tinnomina lill-perit legali Dr. Vincent Galea sabiex jiftaħ din is-*safe deposit box* u jirrelata dwar x'jinsab fiha u lil Renato Zampa sabiex jagħmel stima tad-deheb, ħaġar u metalli prezzjużi li jkun hemm. Wara li ssir tali stima, għandhom isiru żewġ lottijiet. Wieħed li jkun jikkonsisti fl-oġġetti tad-deheb, ħaġar u metalli prezjużi li komplessivament jagħmlu tlett kwarti (3/4) tal-valur tagħhom, u dawn jingħataw lill-konvenuta Mary Mifsud, u l-ieħor ikun fih ir-rimanenti kwart (1/4) li jappartjeni lill-eredi *ab intestato* ta' Joseph Coppola. Kwalunkwe oġġetti oħra li jistgħu jinsabu f'din is-*safe deposit box* għandhom jinqasmu kwantu għal tlett kwart (3/4) bejn l-eredi ta' Mary Coppola u kwart (1/4) bejn l-eredi *ab intestato* ta' Joseph Coppola. Is-sehem mill-oġġetti li jinsabu f'din is-*safe deposit box* li jappartjeni lill-eredi ta' Joseph Coppola għandu jiġi depożitat taħt l-awtorità tal-Qorti;

**Tilqa' l-ħames talba** u konsegwentement, tiddividi u taqsam l-assi rimanenti ta' Mary Coppola u ċioè l-proprjetà parafernali tagħha u tlett kwarti (3/4) ta' dawk l-assi li kienu jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn Joseph u Mary konjuġi Coppola f'disa' (9) porzjonijiet ugwali;

**Tilqa' s-sitt talba** u tassenja lill-werrieta ta' Mary Coppola u ċioè:

i. Parti minn disgħa (1/9) indiviża lil Lawrence Mifsud;

ii. Parti minn disgħa (1/9) indiviża lil Mary Mifsud;

iii. Parti minn disgħa (1/9) indiviża lil Joseph Camilleri;

iv. Parti minn disgħa (1/9) indiviża lil Frank Camilleri;

v. Parti minn disgħa (1/9) indiviża bejniethom lil MaryAnne u Victor konjuġi Sacco;

vi. Parti minn disgħa (1/9) indiviża lil Emmanuela Gauci;

vii. Parti minn disgħa (1/9) indiviża lil Joseph Cassar;

viii. Parti minn disgħa (1/9) indiviża lil Emanuela Cassar;

ix. Parti minn disgħa (1/9) indiviża bejniethom lil Charles Cassar, Francesco Cassar u Peter Cassar

Ilkoll bid-dritt tas-sostituzzjoni favur uliedhom u ulied uliedhom, u in mankanza ta' dawn, bid-dritt tal-akkrexximent bejniethom u dan skont l-aħħar testment tad-defunta Mary Coppola datat 5 ta' April, 1983;

**Tilqa' s-seba' talba** u tiddikjara li l-assi formanti l-eredità tad-defunta Mary Coppola mhumiex komodament diviżibbli bejn il-partijiet fil-kwoti rispettivi tagħhom;

**Tilqa' t-tmien talba** u tordna li l-beni immobbli hawn fuq indikati jinbiegħu b'liċitazzjoni bil-parteċipazzjoni wkoll ta' oblaturi estraneji;

**Tilqa' in parte d-disa' talba** u tordna li tlett kwarti mir-rikavat tal-bejgħ tal-istess proprjetà, wara li mill-ammont sħiħ jitnaqqsu l-ispejjeż relattivi għal-liċitazzjoni u wara li jitħallas il-legat lid-Dar tal-Provvidenza u l-prelegat lill-konvenut Victor Sacco, jiġi diviż bejn il-kontendenti skont il-kwoti rispettivi tagħhom. Ir-rimanenti kwart mir-rikavat tal-bejgħ għandu jiġi depożitat taħt l-awtorità tal-Qorti f'isem l-eredi ta' Joseph Coppola.

Il-Qorti qegħda tordna wkoll lill-konvenuta Mary Mifsud sabiex mill-flejjes li hija ġabret sal-lum mill-kirja tal-fond 63, Triq San Mikiel, Birżebbuġia, wara li tnaqqas l-ammont ta' €18.64 li hija ħallset bħala ċens, taqsam il-bilanċ kwantu għal tlett kwarti (3/4) li wara li tnaqqas is-sehem tagħha minnhom tgħaddi l-bqija lill-partijiet f'din il-kawża fis-sehem rispettivi tagħhom u kwart (1/4) li hija għandha tiddepożitah fir-Reġistru tal-Qorti f'isem l-eredi ta' Joseph Coppola.

L-ispejjeż ta' din id-deċiżjoni għandhom ikunu sopportati b'mod ugwali mill-kontendenti b'dan illi l-intervenuta fil-kawża għandha tħallas l-ispejjeż tagħha.

IMHALLEF

DEP/REG